MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru 1035/2014

Il-Pulizija

Spettur Sarah Magri

vs

Raissa Sammut

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ 546492m akkuzata talli;

1. nhar il-30 ta’ Gunju 2014 u fi granet qabel gewwa l-hanut bl-isem C4D li jinsab gewwa Triq Bordin, Pieta’, ikkomettiet serq ta’ flus kontanti ghad-dannu ta’ Dylan Salerno u/jew ta’ persuna jew persuni ohra u liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejna u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. fl-istess perjodu ta’ zmien, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk saru f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlet biex tbieghom jew tmexxihom u liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputata tirregistra ammissjoni fuq liema insistiet anke wara li l-Qorti taghta zmien tirrikonsidra;

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiddikjarha u ssibha hatja.

Rat l-Artikolu 261 (c)(d), 267, 268, 279(b) tal-Kap 9.

Filwaqt li tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni akkuza, stante li in alternattiva ghall-ewwel, tiddikjara hatja tal ewwel. Tiddeciedi li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum.

Il-Qorti fehmet lil-imputata r-responsabilitajiet taghha skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------